MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 321/2009

**Baker Tilly Consulting Malta Limited (C 38845)**

**Vs**

**Christopher Mark Gauci (detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 76868M), Ian Gauci (detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 56674M) u C.I. Gauci Co. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu ikkundanati li jhallsu, flimkien u 'in solidum' bejniethom, lill-istess socjeta' attrici l-ammont ta' erbat elef tmien mija u ghaxar Ewro u sittax-il centezmu (€4,810.16) rapprezentanti servizzi professjonali rezi lilhom fuq rikjesta taghkom stess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, inkuzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 23 t' April, 2009, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza spejcalment dak verbalizzat a fol 12, a fol 13, a fol 16 u a fol 17 tal-atti kif ukoll il-verbal tas-seduta tallum stess.

Rat in-noti tal-konvenuti kollha, presentata 'seduta stante' mill-istess konvenuti, presenti l-Avukat difensur taghhom u li biha huma kollha kemm huma ammettew it-talbiet kollha tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti kollha sabiex jhallsu flimkien u 'in solidum' bejniethom, lill-istess socjeta' attrici, s-somma ta' €4810.16 bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' April 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-2 ta' Settembru 2009 imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------